## BIEX NILQGĦU L-FIDI

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ewwel Ktieb tas-Slaten.**
**1Slat 8, 41-43**

F'dak iż-żmien: Salamun talab fit-tempju u qal: "Il-barrani wkoll, dak li mhuwiex mill-poplu tiegħek Israel, jekk jiġi minn art imbiegħda minħabba f'ismek, -- għax huma jisimgħu bl-isem kbir tiegħek, jisimgħu bl-id qawwija u d-driegħ mifrux tiegħek -- jekk jiġi jitolbok f'dan it-tempju, int agħtih widen mis-smewwiet fejn tgħammar, u agħmel dak kollu li għalih il-barrani jiġi jsejjaħlek, biex il-popli kollha ta' l-art jagħarfu ismek u jkollhom il-biża' tiegħek, bħall-poplu tiegħek Israel. u jkunu jafu li ismek hu msejjaħ fuq dan it-tempju, li jiena bnejt.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 116**
**Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba**

Faħħru 'l-Mulej, ġnus kollha,
sebbħuh, popli kollha
Għaliex qawwija hi l-grazzja tiegħu għalina
il-fedelta' tal-Mulej tibqa' għal dejjem.

**R/. Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba**

**IT-TIENI QARI**
**Bidu ta' l-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin**
**Gal 1, 1-2, 6-10**

Jiena, Pawlu, appostlu imsejjaħ mhux mill-bnedmin, anqas permezz ta' bniedem, iżda b'Ġesu' Kristu u Alla l-Missier li qajmu mill-imwiet, u l-aħwa kollha li hawn miegħi, lill-Knejjes li hemm fil-Galazja.
Nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu minn min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu, u dortu lejn evanġelju ieħor -- mhux għax hemm xi evanġelju ieħor, imma xi wħud qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu. Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema iħabbrilkom evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut! Bħalma diġa' għidnielkom, u ntenni ngħidilkom issa, jekk xi ħadd iħabbrilkom ħaġa oħra għajr dak li diġa' rċejvejtu, ikun misħut! Forsi jiena qiegħed infittex li jkunu jġibuni l-bnedmin, jew Alla? Qiegħed jiena nfittex li nogħġob lill-bnedmin? Li kont għadni nfittex li nogħġob lill-bnedmin, ma kontx inkun qaddej ta' Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**

Fehimni Mulej biex inżomm il-liġi tiegħek
u nħarisha b'qalbi kollha
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 7, 1-10**

F'dak iż-żmien: Kif Ġesu' temm kull ma kellu jgħid lin-nies, daħal Kafarnahum. U jkun hemm ċenturjun li kellu qaddej, għażiż ħafna għalih, u dan kien marid u wasal biex imut. Iċ-ċenturjun sema' b'Ġesu u bagħatlu xi xjuħ mil-Lhud biex jitolbu jiġi jsalvalu l-qaddej. Dawk marru quddiem Ġesu' u bdew jitolbuh b'ħerqa kbira u jgħidulu: "Tkun ħaġa xierqa jekk tagħmillu dan li qiegħed jitolbok, għax hu jġħożż il-ġens tagħna u kien hu li bnielna s-sinagoga.''
Ġesu' mar magħhom: imma meta kien ġa wasal mhux 'il bogħod mid-dar, iċ-ċenturjun bagħat igħidlu ma' xi ħbieb tiegħu: "Sinjur, toqgħodx tinqala', għax jien ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi: għalhekk ukoll anqas ħassejt ruħi jistħoqqli li niġi jiena stess insibek; Iżda agħti ordni, ħalli l-qaddej tiegħi ifiq. Għax ukoll jiena bniedem taħt is-setgħa ta' ħaddieħor, u jiena nnifsi għandi suldati taħti; lil wieħed ngħidlu, 'Mur' u jmur; lill-ieħor ngħidlu, 'Ejja' u jiġi; u lill-ilsir ngħidlu, 'Agħmel dan' u jagħmlu.'' Ġesu' baqa' mistagħġeb meta sema' dan; dar lejn dawk li kienu mexjin warajh u qalilhom: "Ngħidilkom li anqas f'Israel ma sibt fidi bħal din.'' Meta dawk li kienu mibgħuta reġgħu lura d-dar, sabu l-qaddej qawwi u sħiħ.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**